

Brussell, 11 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

5170/22

LIMITE

EF 4  
ECOFIN 24  
ENV 16  
SUSTDEV 4

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 22/2021 tal-QEA "Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tiegħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli" - Approvazzjoni

---

1. Fl-20 ta' Settembru 2021, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-Rapport Speċjali msemmi hawn fuq<sup>1</sup>.
2. Skont ir-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali<sup>2</sup> mfassla mill-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-29 ta' Settembru 2021 ta struzzjoni lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji biex jeżamina r-Rapport Speċjali f'konformità ma' dawk ir-regoli.

---

<sup>1</sup> Dan ir-rapport speċjali huwa disponibbli fi 23 lingwa tal-UE fuq is-sit web tal-Qorti:  
<http://eca.europa.eu>.

<sup>2</sup> ST 7515/00 FIN 127 + COR 1.

3. Konsegwentement, fis-6 ta' Ottubru 2021 il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppreżentat ir-rapport tagħha lill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji, li sussegwentement ħejja abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill. Fl-10 ta' Jannar 2022<sup>3</sup> kien hemm qbil dwar dawn il-konklużjonijiet mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.
  
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq fil-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fid-dokument ST 5171/1/22 REV 1 bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

---

---

<sup>3</sup> ST 5171/1/22 REV 1